Tema 9

# Biex nimlew żaqqna



**Tagħrif għall-għalliema: Din is-silta se tesponi 'l-istudenti għal lessiku li għandu x'jaqsam ma' użin ta' ikel u xorb kif jinkiteb f'lista ta' xiri.**

**Tema 9: Biex nimlew żaqqna**

**Silta tas-smigħ:**

Karl: Anna, għandna bajd fil-friġġ?



Anna: Baqa' żewġ bajdiet. Għalfejn?

Karl: Għax se nikteb il-lista tax-xiri.

Anna: Mela ixtri tużżana bajd.

Karl: Għandna ħalib?

Anna: Le, ixtri kartuna. Ixtri wkoll kwart ġobon tat-toqba.

Karl: Għandna ħobż?

Anna: Le, ixtri ħobża tal-Malti.

Karl: X'se ssajjar għada? Għandek bżonn xi affarijiet?

Anna: Se nagħmel ross il-forn. Ara ross u nofs kilo kkapuljat għandi. Jonqosni bott zalza tat-tadam.

Karl: Bejken għandek?

Anna: Iva. Tinsiex tixtri kartuna meraq tal-ħawħ. Naħseb dak kollox ta. Tista' tmur tixtri.

Karl: Arani sejjer. Ċaw.

**Eż. A: Immarka r-risposta t-tajba bis-sinjal ✓ fil-kaxxa t-tajba:**

| | | Veru | Falz |
|---|---|---|---|
| 1. | Kien baqa' tliet bajdiet fil-friġġ. | | |
| 2. | Karl kien qed jikteb il-lista tax-xiri. | | |
| 3. | Anna kellha bżonn kwart ġobon tat-tursina. | | |
| 4. | Anna se ssajjar ross il-forn għada. | | |
| 5. | Anna marret tixtri. | | |

**Eż. B: X'ikel se jixtri Karl? Immarka t-tweġiba t-tajba:**

| | Iva | Le |
|---|---|---|
| bajd | | |
| ħalib | | |
| ġobon tat-toqba | | |
| ħassa | | |
| ħobża tal-Malti | | |
| ross | | |
| zalza tat-tadam | | |
| bejken | | |
| luminata | | |
| meraq tal-ħawħ | | |
| ikkapuljat | | |

